**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 26 ta' Mejju 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 21/2013 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremmettiet:

*Dikjarazzjoni*

*L-attrici tikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li taf personalment:*

[1] Fol. 1.

1. *Illi b'sentenza mogħtija minn din l-Onor Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet 178/09 AL A B pro et noe vs C D et deċiza fid-9 ta' Mejju 2012 gie dikjarat li l-intimat odjern huwa l-missier naturali ta' E B li twieled fil-25 ta' Awwissu 2007 (Dok A);*
2. *Illi fis-sentenza fuq citata l-Onor. Qorti ddikjarat li ma setgħatx tieħu konjizzjoni tat-talba hemm maghmula sabiex l-intimat odjern jigi kundAt ihallas lir-rikorrenti manteniment ghal minuri stante li l-ewwel il-partijiet kellhom jghaddu mill-process ta' medjazzjoni.*
3. *Illi konsegwentament ir-rikorrent ghaddiet mill-process ta' medjazzjoni fir-rigward ta' talba ghall-hlas ta' manteniment liema medjazzjoni giet dikjarata maghluqa u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza skond id-digriet 2232/12 (Dok B);*
4. *Illi l-esponenti giet ammessa ghall-beneficju tal-ghajnuna legali.*

*Raġuni tat-Talba*

1. *Illi b'sentenza mogħtija minn din l-Onor Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet 178/09 AL A B pro et noe vs C D et deċiza fid-9 ta' Mejju 2012 gie dikjarat li l-intimat odjern huwa l-missier naturali ta' E B li twieled fil-25 ta' Awwissu 2007 (Dok A);*
2. *Illi fis-sentenza fuq citata l-Onor. Qorti ddikjarat li ma setgħatx tieħu konjizzjoni tat-talba hemm maghmula sabiex l-intimat odjern jigi kundAt ihallas lir-rikorrenti manteniment ghal minuri stante li l-ewwel il-partijiet kellhom jghaddu mill-process ta' medjazzjoni.*
3. *Illi konsegwentament ir-rikorrent ghaddiet mill-process ta' medjazzjoni fir-rigward ta' talba ghall-hlas ta' manteniment liema medjazzjoni giet dikjarata maghluqa u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza skond id-digriet 2232/12 (Dok B);*
4. *Illi l-esponenti giet ammessa ghall-beneficju tal-ghajnuna legali.*

*Talbiet*

*Jghid ghalhekk il-konvenut, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

1. *Takkorda manteniment xieraq skond il-ligi ghal attrici ghall-minuri bin il-kontendenti anki pendente lite;*

2. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr il-htiega tal-firma u/jew il-kunsens tal-intimat;*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut C D,[2] fejn ġie eċċepit:

*Illi preliminarjament, l-esponenti umilment jissottometti illi kien ghamilha cara mar-rikorrenti illi hu ma riedx ikollu aktar tfal stante li hu gja ghandu zewgt' itfal miz-zwieg tieghu, liema tfal jghixu mieghu. Illi nonostante dan, l-esponenti gie ngAt mir-rikorrenti u dank if ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

*Illi l-manteniment mitlub mir-rikorrenti ghal bzonnijiet tal-minuri ghandu jigi kalkulat skond l-introjtu u l-ispejjez ta' l-esponenti u tenut in konsiderazzjoni wkoll l-mezzi finanzjarji tar-rikorrenti stess;*

*Illi l-esponenti pprova jasal fi ftehim mar-rikorrenti dwar hlas ta' manteniment ghal minuri, izda t-talba rikorrenti minn dejjem kienet wahda ezagerata u ghalhekk, l-esponenti ma ghadux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri".*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat is-sentenza fl-ismijiet **A B pro et noe vs. C D et**, deċiża minn din l-Onorabbli Qorti kif preseduta nhar id-9 ta' Mejju 2012, li tirrigwarda l-paternita' tal-minuri E B, fejn ġie kkonfermat illi C D huwa l-missier naturali tal-imsemmi minuri;[3]

Rat iċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' E B, mwieled lill-partijiet nhar il-25 ta' Awwissu 2007, liema ċertifikat iġib in-numru progressiv 2939 tas-sena 2007;[4]

Rat l-ittra datata 17 ta' Settembru 2012 indirizzata lir-Reġistratur sabiex tinbeda l-medjazzjoni dwar il-kura, kustodja u manteniment tal-minuri;[5]

[2] Fol. 25.
[3] Fol. 4.
[4] Fol. 13.
[5] Fol. 11.

Rat id-digriet tal-5 ta' Diċembru 2012 fejn il-Qorti għalqet il-proċess ta' medjazzjoni u awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċedi bil-kawża legali fit-terminu impost mil-liġi;[6]

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda imresqa u d-dokumenti eżebiti, liema ġew kollha miżmuma u mresqa quddiem l-Assistenti Ġudizjarji Dr A Mallia, Dr Greta Mifsud Agius u Dr Maria Dolores Gauci;

Rat in-nota tal-medjatur Caroline Mallia datata 16 ta' JAr 2019,[7] fejn waqt il-mori tal-kawża saret seduta waħda magħha għal medjazzjoni privata sabiex il-partijiet jittentaw jifthemu, iżda għalkemm tali seduta saret ma kien hemm l-ebda suċċess;

Rat id-digriet tal-31 ta' Ottubru 2016,[8] fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi kif dedotta fir-rikors tagħha tat-28 ta' Ottubru 2016, fis-sens illi fir-rikors promotur tiżdied talba rigward il-kura u kustodja tal-minuri;

Rat l-affidavit tal-konvenut;[9]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[10]

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI:

Għal kull buon fini, il-Qorti tixtieq tissenjala nuqqas fir-rikors promotur tal-attriċi u dan kif irriżulta lill-Qorti fl-evalwazzjoni tal-atti fl-istadju tal-kitba tas-sentenza finali. Tali nuqqas jikkonsisti fil-fatt li r-rikors promotur ma jinkorporax fih il-lista tax-xhieda abbażi tal-Artikolu 156 subinċiż 4 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu tal-liġi jaqra hekk: *"L-attur għandu wkoll jagħti mad-*

[6] Fol. 12.
[7] Fol. 628.
[8] Fol. 582.
[9] Fol. 539.
[10] Fol. 718.

*dikjarazzjoni l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib, filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x'fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom".*

Nonostante tali nuqqas, il-Qorti għażlet li ma tissollevax eċċezzjoni ta' nullita' *ex officio* abbażi tal-Artikolu 732A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar l-istess u dan għar-raġuni illi mill-atti jirriżulta li: (i) il-provi tal-attriċi nstemgħu kollha, (ii) fis-seduti li fihom instemgħu x-xhieda mresqa mill-attriċi ma jidhirx li ġiet reġistrata xi oġġezzjoni mill-konvenut, anzi sar ukoll il-kontro-eżami, u (iii) il-kawża tħalliet għas-sentenza, tant li qiegħda tingħata llum stess.

Fid-dawl tas-suespost, ma kienx idoneju għall-Qorti illi taħli l-ħin u tagħti provvediment f'dan ir-rigward, u dan anke in vista tal-fatt li f'ċirkostanza simili għal din odjerna, bid-differenza li wieħed mill-konvenuti kien issolleva l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-att promotur minħabba li ma kienx fih il-lista tax-xhieda, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Cassar & Schembri Co. Ltd. vs. Philip Sultana et**,[11] kienet ċaħdet tali eċċezzjoni.

Madanakollu u fi kwalunkwe każ, il-Qorti hija tal-fehma illi kellha tissenjala lill-partijiet il-konsapevolezza tagħha dwar tali nuqqas, u konsegwentament tipprovdilhom raġuni għaliex ma ngħata l-ebda provvediment fuq l-istess.

## KONSIDERAZZJONIJIET FIL-MERTU:

### 1. L-Azzjoni Odjerna:

Din hija azzjoni li tirrigwarda iben il-partijiet, ċjoe' E B. Il-partijiet kienu jiffrekwentaw lil xulxin għal xi żmien, minn liema relazzjoni twieled l-imsemmi minuri nhar il-25 ta' Awwissu 2007. Jirriżulta li maż-żmien ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet, u in vista li l-konvenut qatt ma involva ruħu, ħa interess jew assuma r-responsabbilita' ta' missier fil-konfront ta' ibnu, u per konsegwenza, l-attriċi ħassitha kostretta illi tintavola din il-kawża sabiex is-sitwazzjoni rigward il-minuri tiġi formalment regolata permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti:

[11] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-17 ta' Mejju 2013, (Rikors Ġuramentat Numru 268/2003 AE), mhux appellata.

i. Tordna li l-kura u kustodja ta' iben il-partijiet tgħaddi esklussivament f'idejn l-attriċi;

ii. Tiffissa manteniment li għandu jitħallas mill-konvenut lill-attriċi għall-bżonnijiet ta' binhom minuri.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut permezz tar-risposta ġuramentata tiegħu, saħaq illi l-attriċi kienet ingAtu għaliex huwa kien qalilha bl-iktar mod ċar li ma riedx iktar tfal. Konsegwentament jgħid ukoll li għalkemm huwa pprova jasal bonarjament mal-attriċi rigward il-ħlas tal-manteniment, it-talba tagħha għall-istess kienet dejjem esaġerata. Għalhekk u ġialadarba ma hemmx qbil bejn il-partijiet, il-konvenut huwa tal-fehma illi l-manteniment mitlub għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-introjtu, spejjeż u mezzi finanzjarji tiegħu, kif ukoll li fi kwalunkwe każ huwa ma għandux ibati l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*<u>Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mresqa Minnha:</u>*

Fix-xhieda tagħha ta' nhar it-28 ta' Frar 2014,[12] l-attriċi ikkonfermat illi ma taħdimx u waqfet mix-xogħol mindu ħarġet tqila bit-tifel. Qabel it-twelid tat-tifel kienet taħdem fuq bażi *part-time* fejn kienet tbiegħ xi biljetti u damet taħdem f'dan il-qasam għal perjodu ta' tlett (3) xhur. Tikkonferma ukoll li qatt ma ħadmet xogħol ieħor għajr għal dan li semmiet.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

a. *<u>Ix-Xhieda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza tal-ADT (ĠJA Transport Malta),</u>*[13] li kkonferma li fil-preżent, fuq il-konvenut hemm reġistrata vettura waħda, tat-tip Toyota Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni ABL-857.[14] Fil-passat, il-konvenut kellu rreġistrat fuq ismu tlett (3) vetturi oħra;[15]

b. *<u>Ix-Xhieda ta' Karin Cremona in rappreżentanza ta' Transport Malta</u>*,[16] li kkonfermat li fil-preżent, fuq l-attriċi hemm reġistrata żewġ vetturi, tat-tip Opel Corsa u Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD-962 u ABJ-

---

[12] Fol. 38.
[13] Fol. 37.
[14] Fol. 106, 107.
[15] Fol. 102 – 105.
[16] Fol. 109.

131 rispettivament.[17] Filwaqt li fil-passat, l-attriċi kellha sitt vetturi rreġistrati fuq isimha;[18]

c. <u>*Ix-Xhieda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta*</u>,[19] li ppreżenta mill-ġdid rendikont ta' dawk il-vetturi preżenti u passati tal-attriċi,[20] u tal-konvenut;[21]

d. <u>*Ix-Xhieda ta' Romwald Attard in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc*</u>,[22] li fuq isem il-konvenut sab tlett kontijiet bankarji: (i) kont binnumru 40010525302 li huwa *current account*,[23] (ii) 40016201316 li huwa *term deposit account*,[24] u (iii) 4001703031-1 li huwa *house loan*.[25] Min-naħa l-oħra u fuq isem l-attriċi, sab kont wieħed bin-numru 40013497275 li huwa *savings account*;[26]

e. <u>*Ix-Xhieda ta' Rebecca Micallef in rappreżentanza ta' APS Bank*</u>,[27] li kkonfermat li fil-passat l-attriċi kellha kont iżda li dan ġie magħluq,[28] filwaqt li fil-preżent l-attriċi għandha kont wieħed miftuħ bin-numru 20000767514 li huwa *savings account*;[29]

f. <u>*Ix-Xhieda ta' Audrey Ghigo in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc*</u>,[30] li kkonfermat li l-attriċi fil-preżent għandha tlett (3) kontijiet li għadhom miftuħin: (i) 006135388050 li huwa *savings account*;[31] (ii) 012066478050 li huwa *savings account*,[32] u (iii) 056134315050, li huwa *savings acoount*.[33] Fil-passat kellha ukoll tlett (3) kontijiet oħra iżda li dawn ġew magħluqa;[34]

---

[17] Fol. 260 – 265.
[18] Fol. 266 – 272.
[19] Fol. 281.
[20] Fol. 288 – 300.
[21] Fol. 282 – 287.
[22] Fol. 38, 281.
[23] Fol. 41, u mmarkat bħala Dok. BOV 3.
[24] Fol. 90, u mmarkat bħala Dok. BOV 2.
[25] Fol. 95, u mmarkat bħala Dok. BOV 1.
[26] Fol. 301, u market bħala Dok. BOV(i).
[27] Fol. 109.
[28] Fol. 256.
[29] Fol. 257.
[30] Fol. 109.
[31] Fol. 126, u mmarkat bħala HSBC 1;
[32] Fol. 195, u mmarkat bħala HSBC 2;
[33] Fol. 228, u mmarkat bħala Dof. HSBC 3.
[34] Fol. 113 – kont bin-numru 006135388101, u mmarkat bħala Dok. HSBC 4; Fol. 116 – kont bin-numru 058092065050, u mmarkat bħala Dok. HSBC 6; Fol.

g. *Ix-Xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[35] li ppreżenta l-*employment history* tal-konvenut,[36] li tistabbilixxi illi l-konvenut jinsab bla impjieg u waqaf jaħdem bħala *butcher* fl-14 ta' Settembru 2013. F'seduta oħra ta' nhar l-4 ta' Novembru 2016 ix-xhud ippreżenta l-*employment jistory* taż-żewġ partijiet fejn l-attriċi tidher li ma tinsabx f'impjieg,[37] u l-konvenut jidher li qiegħed jaħdem fuq bażi *part-time* bħala *butcher* mal-Vivaldi Hotel Operations Limited mid-9 ta' Ġunju 2015;[38]

h. *Ix-Xhieda ta' Ivan Cilia in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[39] li jikkonferma li l-konvenut kien jipperċepixxi mill-Għajnuna Soċjali iżda dan ġie mwaqqaf lilu stante li ma kienx qiegħed jirrisjedi fl-indirizz iddikjarat minnu. Ix-xhud jippreżenta: (i) Rendikont tal-Għajnuna Soċjali li pperċepixxa minnha l-konvenut mill-14 ta' Settembru 2013 sat-13 ta' Frar 2015, li jammonta għal €9,187.89,[40] (ii) Rendikont tal-*Allowance* tat-Tfal li pperċepixxa l-konvenut li jammonta għal €3,798.39,[41] (iii) L-ammonti li d-Dipartiment qiegħed jitlob li jiġi rifuż mill-konvenut huwa dak ta' €4,096.38,[42] u (iv) Dokument li juri li l-konvenut kien forna lid-Dipartiment bl-indirizz *"Riviera Block, Blk B, Flat 3, Triq San Albert, Gżira"*;[43]

i. *Ix-xhieda tal-konvenut in subizzjoni*,[44] fejn ikkonferma li *"jien ma nahdimx u fl-ahhar hames snin hsimt self-employed u kelli naghlaq ghax ghalqitli l-kera tal-hanut ta' Butcher fil-25 ta' Frar 2014. Ic-cwievet tajthom lil sidu"*. Magħdud ma' dan jgħid li għandu żewġt itfal oħra li jgħixu miegħu, u ċjoe' F li għandha wieħed u għoxrin (21) sena u G li għandu erbatax-il (14) sena. Huwa jiddikjara li mhux qed jgħaddi manteniment għat-tifel għaliex ma għandux intrjotu u għandu d-dejn;

j. *Il-kontro-eżami tal-konvenut*,[45] li jikkonferma li qas biss jafu u x'jismu t-tifel li għandu mal-attriċi. Fir-rigward ta' arretrati ta' manteniment, ix-xhud

[35] Fol. 374, 446.
[36] Fol. 376.
[37] Fol. 450.
[38] Fol. 448.
[39] Fol. 394.
[40] Fol. 396.
[41] Fol. 397.
[42] Fol. 398 – 399.
[43] Fol. 400.
[44] Fol. 110, 387.
[45] Fol. 714.

qal li *"ma ghandix minn fejn; kieku ghandi iva hux, tistghu tfittxu. Ma ghandix minn fejn"*.[46]

*Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mresqa Minnu:*

Fl-affidavit tiegħu,[47] il-konvenut jispjega li huwa kien issepara minn ma' martu H D permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Mejju 2005, minn liema żwieġ twieldu żewġt itfal. Skont klawsola numru għaxra (10) tal-istess kuntratt, il-kura u kustodja ta' dan iż-żewġt itfal ġiet fdata f'idejn ommhom u l-konvenut kellu jħallas ħamsin lira Maltin (LM50) fil-ġimgħa bħala manteniment għall-istess tfal. Apparti minn hekk, u skont klawsola numru tlettax (13) tal-kuntratt surreferit, il-konvenut aċċetta ukoll li jħallas waħdu l-ispejjeż tal-edukazzjoni, u nofs l-ispejjeż ta' saħħa ta' uliedu. Konsegwentament għal tali separazzjoni, il-konvenut jispjega illi huwa telaq mid-dar matrimonjali u mar jgħix għand ħuh, iżda in vista ta' sitwazzjoni xejn feliċi u relazzjoni ħażina li żviluppat bejn il-mara u t-tfal, it-tfal riedu jgħixu mal-konvenut. Għaldaqstant huwa jikkontendi li kellu jipproċedi b'azzjoni legali kontra martu sabiex il-kuntratt ta' separazzjoni jiġi varjat skont iċ-ċirkostanzi. Din il-kawża ġiet deċiża nhar it-3 ta' Diċembru 2010. Il-konvenut jisħaq li lill-uliedu rabbihom waħdu mingħajr ebda għajnuna finanzjarja ta' ommhom. Fil-fatt jikkonferma li qatt ma fetaħ kawża kontra omm uliedu għal manteniment peress li kien jaf li kellha problema kbira ta' xorb u uliedu ma xtaqux li jerġa' jiftaħ proċeduri kontriha sabiex fl-aħħar jgħixu fil-paċi. B'hekk huwa rrispetta d-deċiżjoni tagħhom, u jgħid li huwa kburi li rabba lill-uliedu waħdu anke jekk b'sagrifiċċju kbir.

Fiż-żmien li kien qiegħed jissepara minn martu, huwa kien jaħdem għal rasu bħala *butcher* f'ħanut ġewwa tas-Sliema u kien qed isir proġett ta' kostruzzjoni faċċata tal-ħanut tiegħu, liema proġett dam sejjer għal tlett (3) snin sħaħ. F'tali żmien u minħabba l-imsemmi proġett, in-negozju tal-laħam beda sejjer lura u minħabba f'hekk il-konvenut beda jitlef il-klijentela, tant li wara li spiċċa l-proġett qatt ma rkupra dak li tilef. Għaldaqstant il-ħanut għalaq f'Settembru tal-2013 u dan għal diversi raġunijiet, fosthom dawk imsemmija.

Jispjega illi huwa sar jaf lill-attriċi fiż-żmien meta kien qed jipprova jbiegħ id-dar li kellu l-Ħamrun. L-attriċi kienet marret tara d-dar għaliex kienet interessata tixtri, madanakollu l-proprjeta' spiċċat sabiex inbiegħet lil terzi versu s-somma ta' LM67,000. Bis-sehem tiegħu flimkien ma' self mill-bank, il-konvenut jgħid li xtara l-post tiegħu ġewwa l-Gżira versu s-somma ta' LM42,000. B'hekk fil-

[46] Fol. 716.
[47] Fol. 539.

preżent għandu pagamenti mensili ta' €208.34. Wara li l-partijiet iltaqgħu, huma saru ħbieb u ġieli ħarġu għal *drink* flimkien. Huma ma kienux jgħixu flimkien, iżda jammetti li kien hemm drabi fejn raqad għandha fir-residenza li kellha ġewwa l-Gudja. Għalkemm l-attriċi riedet relazzjoni mal-intimat, dan tal-aħħar jispjega li kien ċar mal-attriċi illi huwa ma riedx relazzjoni għaliex ma kellux moħħhom stante li kien għadu kemm jissepara minn ma' martu.

Il-konvenut jammetti illi kellu relazzjonijiet sesswali mal-attriċi, iżda hi kienet tgħidlu li kienet qiegħda fuq il-pillola kontraċettiva, u dik id-darba li nqabdet tqila kienet aċċertatu li kien perjodu *safe* li ma setgħtx tinqabad tqila. Huwa jgħid li jinsab konvint li l-attriċi nqabdet tqila biex tittenta torbot lill-konvenut magħha u dan minkejja li kien sqarr magħha li ma riedx relazzjoni, wisq anqas tfal. Meta l-attriċi saret taf li tqila, ċemplet lil ħu l-konvenut, tant li l-konvenut sar jaf minn għandu. Għalhekk, il-konvenut huwa konvint li l-attriċi ngAtu għall-iskopijiet tagħha għaliex sussegwentament skopra li l-unika pilloli li kienet tieħu l-attriċi kienu kalmanti u mhux kontraċettivi. Matul it-tqala, l-attriċi kienet iċċempel lill-konvenut kuljum, u tgħidlu illi meta titwieled it-tarbija din kienet ser tiġi reġistrata fuq ismu u li ma kienetx ser tfittxu għal manteniment.

Fil-preżent il-konvenut jgħid li qiegħed jaħdem fuq bażi *part-time* mal-lukanda Vivaldi bħala *butcher*. Il-ħinijiet tiegħu ma humiex fissi u l-introjtu tiegħu jiddependi fuq kemm l-imgħallem tiegħu jordnalu jidħol għax-xogħol, b'hekk l-introjtu jvarja. Apparti tali introjtu, huwa jiddikjara li ma jipperċepixxi l-ebda assistenza soċjali. Magħdud ma' dan, il-konvenut jispjega u jagħti rendikont tal-ispejjeż li huwa għandu kull xahar, u ċjoe': (i) €208 pagament għas-self tad-dar mal-Bank of Valletta plc, (ii) €400 fi *groceries*, (iii) €100 kontijiet tad-dawl u ilma, (iv) €60 spejjeż tal-*condominium*, (v) €200 spejjeż biex imantni lill-uliedu, u (vi) €200 biex imantni *"lit-tifel ta' A B"*.[48]

Il-konvenut jagħmel referenza għal fatt illi f'dawn l-aħħar snin l-attriċi kellha fil-kont bankarju tagħha somma sostanzjali ta' flus, li jammontaw għal madwar €200,000, li f'diversi stadji ġew trasferiti minn bank għall-ieħor qabel dan ma ġew miġbuda. Finalment, il-konvenut jispiċċa jtemm l-affidavit tegħu illi *"inhoss li A B fethet dawn il-proceduri mhux ghax verament ghandha bzonn l-ghajnuna tieghi sabiex tmantni t-tifel izda dawn il-proceduri tnisslu minn mibgheda ghalija ghas-semplici raguni li jien, almenu f'dak il-perjodu f'hajti, ma ridtx relazzjoni serja maghha. Huwa evidenti li f'dak iz-zmien, A B riedet tarbija u sabet lili u ngAtni sabiex takkwista dak li riedet u biex forsi tkun tista' tisfurzani nidhol b'mod aktar serju f'relazzjoni maghha. Jien kont f'posizzjoni difficli hafna dak*

[48] Fol. 541.

*iz-zmien u minkejja dan, A B riedet tkompli tobbligani b'aktar spejjez. Issa gejt f'sitwazzjoni aghar milli kont ghaliex in-negozju tieghi falla u l-impjieg li ghandi ma jirrendix paga konsistenti izda hi dipendenti hafna fuq iz-zmien tas-sena u x-xewqat ta' l-imghallem tieghi. Gejt f'posizzjoni fejn minhabba dawn il-proceduri jiena gejt obbligat b'piz kbir sabiex immantni it-tifel ta' A B u fl-istess hin sar kwazi impossibli sabiex jien imantni t-tfal tieghi li jghixu mieghi".*[49]

Fix-xhieda tiegħu,[50] il-konvenut ikkonferma li *"jien ma nahdimx u fl-ahhar hames snin hsimt self-employed u kelli naghlaq ghax ghalqitli l-kera tal-hanut ta' Butcher fil-25 ta' Frar 2014. Ic-cwievet tajthom lil sidu"*. Magħdud ma' dan jgħid li għandu żewġt itfal oħra li jgħixu miegħu, u ċjoe' F li għandha wieħed u għoxrin (21) sena u G li għandu erbatax-il (14) sena.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

a. *Kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konvenut u H I D, datat 30 ta' Mejju 2005 u jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall*,[51] u dan sabiex issir referenza speċifika għal klawsola numru 9, 10, 11, 12 u 13 li jitrattaw il-kura, kustodja u manteniment ta' F u G, aħwa D;

b. *Kopja ta' kuntratt ta' bejgħ tad-dar matrimonjali tal-konvenut lil terzi, datat 5 ta' Ġunju 2007 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Joanne Lia,*[52] liema bejgħ sar versu s-somma ta' LM67,000;

c. *Kopja ta' kuntratt ta' xiri ta' proprjeta' ġewwa l-Gżira mill-konvenut, datat 13 ta' Marzu 2008 u jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Malcom Mangion*,[53] liema xiri sar versu l-prezz ta' LM42,000;

d. *Statement bankarju tal-kont tal-bank tal-konvenut*,[54] li juri self li l-konvenut għandu mal-Bank of Valletta plc, b'pagamenti mensili ta' €208.34;

e. *Payslips tal-konvenut maħruġa mill-Vivaldi Hotel Operations Ltd*, fejn huwa daħħal introjtu nett ta': (i) €707.97 għax-xahar ta' JAr 2016,[55] (ii) €297.18 għax-xahar ta' Frar 2016,[56] (iii) €799.78 għax-xahar ta' Marzu

[49] Fol. 541.
[50] Fol. 110.
[51] Fol. 543.
[52] Fol. 549.
[53] Fol. 560.
[54] Fol. 568.
[55] Fol. 569.
[56] Fol. 570.

2016,[57] (iv) €1,167.21 għax-xahar ta' April 2016,[58] (v) €827.80 għax-xahar ta' Mejju 2016;[59]

f. *Ix-xhieda ta' Joseph Chircop in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali,*[60] fejn jippreżenta prospett bil-benefiċċji li pperċeixxiet l-attriċi.[61] Barra minn hekk jikkonferma illi l-attriċi hija eleġibbli għal pensjoni tal-*visually impaired* u hija intitolata għal €102 fil-ġimgħa flimkien mad-differenza ta' għajnuna soċjali fl-ammont ta' €10 u għajnuna medika fl-ammont ta' €25.63 fil-ġimgħa, kif ukoll *allowance* tat-tfal fis-somma ta' €22.23 fil-ġimgħa, u *bonuses* oħra;

g. *Kontro-eżami tal-attriċi,*[62] fejn tikkonferma li huwa impossibbli għaliha li taħdem minħabba d-diżabilita' li ssofri minnha u b'hekk tgħix fuq l-pensjoni apposta fornita mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Barra minn hekk tikkonferma ukoll li fir-rigward tal-minuri, da prti id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali hija tipperċepixxi madwar €33 kull xahar.

## 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-kura u kustodja, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro et noe. vs. John Portelli**[63] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi*

[57] Fol. 571.
[58] Fol. 572.
[59] Fol. 573.
[60] Fol. 591.
[61] Fol. 592.
[62] Fol. 639.
[63] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

*jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[64] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[65] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[66] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbażi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[67] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[68] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' <u>*manteniment*</u>, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet

[64]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[65]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' JAr 1956.
[66]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[67]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[68]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents,* għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

Fir-rigward tas-<u>*setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra*</u>, u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiza minn din il-Qorti izda diversament preseduta, nhar il-25 ta' JAr 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet **Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-assenti Paul Joseph Strout** deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo** irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet* ***RM vs NM*** *(Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "****Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara* ***A sive BC vs D sive EC*** *deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll* ***Joseph Micallef vs Lesya Micallef*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Għandu jiġi sottolinejat illi minn din ir-relazzjoni ta' bejniethom, il-partijiet kellhom lil E B, imwieled nhar il-25 ta' Awwissu 2007 u li fil-preżent huwa għadu minorenni stante li għad għandu erbatax-il (14) sena.

In primis il-Qorti tara s-sitwazzjoni *pendente lite* ta' iben il-partijiet matul il-proċeduri odjerni u dan fir-rigward ta' kura, kustodja u manteniment, ġiet regolata kronoloġikament kif imfisser hawn isfel:

***L-Ewwel Talba:***

***Rikors tal-attriċi tal-24 ta' Settembru 2014,***[69] fejn talbet lill-Qorti sabiex: *"l-intimat jaghti mateniment xieraq pendente lite ghall-minuri E B that dawk il-kundizzjonijiet kollha li din l-Onor Qorti jidhrilha xierqa";*[70]

***Digriet datat 29 ta' Settembru 2014,***[71] fejn *inter alia*, il-Qorti pprovdiet preliminarjament illi l-attriċi għandha: (i) tikkonferma bil-ġurament jekk taħdimx jew le, u f'każ li fl-affermattiv għandha tippreżenta dokumenti relattivi u kopji tal-FS3 u l-P3 tal-aħħar sentejn, (ii) tippreżenta prospett ġuramentat dwar l-introjtu sħiħ tagħha b'dettalji relevanti flimkien mal-ispejjeż li qed tinkorri b'mod partikolari fil-konfront tal-minuri;

***Risposta tal-konvenut tad-29 ta' Lulju 2015,***[72] fejn saħaq illi *"jirrizulta diskrepanza qawwi bejn il-pozizzjoni finanzjarja tar-rikorrenti u dik ta' l-esponeti, haga li din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni meta tasal sabiex tillikwida ammont ta' manteniment. Illi di piu l-esponenti l-ahhar li hadem kien fl-14 ta' Settembru 2013, fejn spicca f'sitwazzjoni fejn kellu jaghlaq il-hanut tal-laham li kellu ghaliex kienet ghalqet il-kirja relattiva. Illi minn Sttembru 2013 sal-lum, l-esponenti ma rnexxilux isib impjieg regolari; (Vide Dok. RG4)";*

***Nota ġuramentata tal-attriċi maħlufa mill-attriċi nhar is-17 ta' Diċembru 2014 u ppreżentata fit-18 ta' Diċembru 2014,***[73] fejn l-attriċi

[69] Fol. 406.
[70] Fol. 406.
[71] Fol. 408.
[72] Fol. 417.
[73] Fol. 355, 424.

tikkonferma illi ma taħdimx, filwaqt li tannetti: (i) prospett ta' dħul li għandha mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali bħala *Allowance* tat-tfal ta' €288.99 kull tlett (3) xhur, u Għajnuna Soċjali ta' €479.60 kull erba' (4) ġimgħat,[74] u (ii) prospett ta' spejjeż edukativi li hija għamlet bħala spejjeż fil-konfront tal-minuri fis-sena 2014 stante li rċevuti preċedenti dwar ħlasijiet li saru ma għandhiex,[75] u (iii) prospett ta' ħlasijiet li għamlet biex tmatni lilha nnifisha u lil binha fl-ammont ta' €1,011.19;[76]

***Digriet tat-30 ta' Lulju 2015***,[77] fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' €200 f'manteniment fix-xahar għal minuri, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tiegħu;

***It-Tieni Talba:***

***Talba seduta stante magħmula mill-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2015***,[78] fejn *"l-avukati difensuri tal-partijiet jiddikjaraw illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tghaddi f'idejn l-omm esklussivament b'dan illi l-omm ghandha tigi awtorizzata mill-Qorti tiehu kull decizjoni li tirrigwarda s-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri u tista' ukoll tapplika waħedha u/jew tigdid tal-passaport tal-istess minuri mal-awtoritajiet kompetenti"*;

***Digriet datat 15 ta' Ottubru 2015***,[79] il-Qorti laqgħat it-talba tal-partijiet;

***It-Tielet Talba:***

***Rikors tal-konvenut datat 30 ta' Novembru 2015***,[80] fejn talab lill-Qorti sabiex *"tenut kont in konsiderazzjoni d-diskrepanza finanzjarja qawwija bejn il-partijiet, l-esponenti umilment jissottometti li d-digriet tat-30 ta' Lulju 2015 ghandu jigi revokat contrario imperio jew l-ammont ta' manteniment ridott sostanzjalment u dan salv kull provvediment iehor"*;

---

[74] Fol. 364 – 366, 429 – 430.
[75] Fol. 356 – 362, 425 - 427 – Rċevuti mħalsa jammontaw għal €1,009.33, u fol. 363, 428 - rċevuti mhux imħallsa li jammontaw għal €835.
[76] Fol. 367 – 382, 431 – 438.
[77] Fol. 439.
[78] Fol. 443.
[79] *Ibid.*
[80] Fol. 456.

***Risposta tal-attriċi tal-14 ta' Diċembru 2015***,[81] fejn oġġezzjonat għal tali talba;

***Digriet datat 15 ta' Diċembru 2015***,[82] fejn il-Qorti ċaħdet it-talba kif dedotta;

***Ir-Raba' Talba:***

***Rikors tal-attriċi tat-22 ta' Ġunju 2016***,[83] fejn talbet lill-Qorti sabiex: (i) tvarja d-digriet tagħha tal-31 ta' Lulju 2016 b'dana illi tawmenta l-manteniment dovut għall-minuri għal €270, liema ammont jinkludi l-ispejjeż edukattivi tal-minuri, (ii) tordna lid-diriġenti tal-Vivaldi Hotel sabiex b'mod immedjat jibdew jaqtgħu l-manteniment dovut mill-paga tal-intimat, (iii) tordna lid-diriġenti tal-Vivaldi Hotel sabiex b'mod immedjat iħallsu direttament lill-attriċi permezz ta' ċekk indirizzament lilha, (iv) Tordna li tali ordni tkun applikabbli f'kull każ, anke jekk l-intimat ibiddel l-impjieg tiegħu u/jew jibda jipperċepixxi mill-għajnuniet soċjali;

***Risposta tal-konvenut tal-1 ta' Awwissu 2016***,[84] fejn joġġezzjona għat-talba kif dedotta;

***Digriet tal-1 ta' Awwissu 2016***,[85] fejn il-Qorti ordnat lill-intimat iħallas is-somma ta' €250 fix-xahar bħala manteniment għall-miuri, liema somma tinkludi dehemu mill-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti laqgħat ukoll it-talbiet l-oħra;

***Il-Ħames Talba:***

***Rikors tal-konvenut datat 21 ta' Frar 2017***,[86] fejn talab lill-Qorti sabiex tnaqqas l-ammont ta' manteniment dovut lill-intimata versu l-minuri għal somma iktar ekwa u ġusta;

[81] Fol. 462.
[82] Fol. 481.
[83] Fol. 490.
[84] Fol. 524.
[85] Fol. 536.
[86] Fol. 606.

***Risposta tal-attriċi datata 9 ta' Marzu 2017,***[87] fejn toġġezzjona għal tali talba;

***Digriet datat 13 ta' Marzu 2017,***[88] fejn ċaħdet it-talba kif dedotta;

***Is-Sitt Talba:***

***Rikors tal-attriċi datat 30 ta' Settembru 2020,***[89] fejn talbet lill-Qorti: (i) tvarja 'il fuq ir-retta alimentari ta' €200 u €50 li jkopru spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni billi tillikwida retta alimentari komplessiva li tkun tirrifletti aħjar iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u l-ispejjeż li r-rikorrenti, waħedha, qiegħda tinkorri biex trabbli lil minuri, u (ii) tagħti kull provvediment ieħor li jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi;

***Risposta tal-konvenut datata 10 ta' Mejju 2021,***[90] fejn qiegħed joġġezzjona għat-talbiet kif dedotti;

***Digriet datat 19 ta' Mejju 2021,***[91] fejn ordnat lill-intimat iħallas is-somma ta' €250 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, liema somma tikkomprendi sehemu mill-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

Stabbilit il-premess, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħti l-konsiderazzjonijiet tagħha fuq kull talba kif dedotta mill-attur.

*a.* *Kura, Kustoda, Deċiżjonijiet Ordinarji u Straordinarji rigward il-Minuri:*

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa rrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

[87] Fol. 610.
[88] Fol. 612.
[89] Fol. 685.
[90] Fol. 700.
[91] Fol. 704.

> *"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew minn ġenitur wieħed. Huwa rikonoxxut minn din il-Qorti illi ħafna mid-drabi jkunu l-ġenituri stess li jagħżlu li jitfgħu lil uliedhom f'sitwazzjoni ta' dan it-tip, u dan għaliex l-ġenituri jkunu nies irresponsabbli, bla kompassjoni u b'nuqqas ta' volonta' li jħobbu, jindukraw u jrabbu lil uliedhom f'għożża li tant ikunu mxenqin għaliha. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa proprju s-sinteżi tal-każ odjern, fejn il-minuri safa' sabiex spiċċa jgħix esklussivament ma' ommu, tant li qas biss jaf lill-missieru jew kellu kuntatt miegħu. Barra minn hekk, fis-sitwazzjoni in eżami l-Qorti tara illi *pendente lite* l-kura u kustodja tal-minuri ġiet regolata mill-Qorti permezz ta' digriet datat 15 ta' Ottubru 2015,[92] fejn din ġiet fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi.

Fil-każ odjern, il-Qorti rat il-provi kollha mresqa u huwa evidenti illi bejn il-partijiet teżisti amożita' kbira. Madanakollu, il-Qorti ma tistgħax ma tieħux konjizzjoni tas-segwenti:

a. In kontro-eżami, il-konvenut jikkonferma li lanqas biss jaf u x'jismu t-tifel li għandu mal-attriċi;[93]

[92] Fol. 443.
[93] Fol. 714.

b. Id-dikjarazzjoni tal-konvenut fl-udjenza quddiem l-Assistant Ġudizzjarju ta' nhar l-4 ta' Lulju 2014: *"L-intimat C D jiddikjara bil-ġurament li huwa ma jinteressahx mit-tifel u ma jridux aktar fuq ismu"*;[94]

c. Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut jirreferi għal minuri bħala *"it-tifel ta' A B"*.[95]

Dawn il-provi ċertament jistabbilixxu illi l-konvenut ma jinteressahx minimament mill-minuri. Fil-fatt ma huwiex kontestat illi bejn il-konvenut u l-minuri qatt ma kien hemm rapport ta' missier u iben. Il-Qorti bl-ebda mod ma tfaħħar, tiġġustifika jew taqbel ma' dan il-*modus vivendi,* anzi bil-wisq tikkundAh u tiddeplorah għaliex kull ġenitur għandu l-obbligu li jieħu ħsieb, jeduka, jmantni u jipproteġi lill-uliedu stess. Ma huwiex xi unur li wieħed jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu u jfarfar l-obbligi tiegħu ta' ġenitur fuq il-ġenitur l-ieħor.

Għalkemm il-Qorti tittenta tipprova tifhem is-sitwazzjoni in ġenerali, jibqa' stat ta' fatt illi kien hemm x'kien hemm bejn il-partijiet, ingann jew mhux ingann u dan kif ġie allegat mill-konvenut, it-tifel ġie kkonċepit u mwieled, u indubjament huwa ma għandux jaħti u konsegwentament ibagħti mid-deċiżjonijiet irresponsabbli u immaturi tal-ġenituri tiegħu. F'dan il-każ in partikolari, il-Qorti ma tistgħax ma tesprimix d-dispjaċir tagħha fil-konvenut, meta dan huwa diġa' missier ta' żewġt itfal oħra u b'hekk hija tistaqsi kif jista' jkun illi fir-rigward taż-żewġt itfal mwielda mill-ewwel relazzjoni tiegħu huwa jiftaħar li rabbihom waħdu b'sagrifiċju tremend, u min-naħa l-oħra huwa volontarjament jagħżel li jinjora l-eżistenza ta' ibnu ż-żgħir imwieled minn relazzjoni extra-matrimonjali u jitrattah differenti minn ħutu? Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-kompartament tal-konvenut huwa ta' uġigħ kbir għal minuri E B, li issa f'dan l-istadju ta' ħajtu fejn għandu erbatax-il (14) sena, jinsab f'eta' li kapaċi jsaqsi u jirrifletti dwar ċertu aspetti tal-ħajja, inkluż l-abbandun ta' missieru.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tinsab konvinta li minkejja l-aġir infantili tal-konvenut, il-minuri daħal f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex preżenti. Għaldaqstant u sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-minuri, il-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju illi l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi u dan anke billi l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi

[94] Fol. 330, 340, 341.
[95] Fol. 541.

mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Magħdud ma' dan, il-Qorti hija ukoll tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi huwa ukoll idoneju illi d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, kemm dawk ordinarji kif ukoll straordinarji, li jinkludu *inter alia*, id-deċiżjonijiet kollha rigward l-edukazzjoni, saħħa, safar, attivitajiet extra-kurrikulari, u applikazzjoni, tiġdid u żamm tal-passaport, dawn għandhom jittiehdu esklussivament mill-attriċi mingħajr il-bżonn li l-konvenut jagħti l-kunsens tiegħu.

*b.* *<u>Likwidazzjonu u KundA ta' Ħlas ta' Manteniment għall-Ħtiġijiet tal-Minuri:</u>*

Fir-rigward ta' likwidazzjoni ta' manteniment futur, il-Qorti rat li skont l-aħħar digriet *pendente lite* tad-19 ta' Mejju 2021,[96] il-konvenut kien ordnat iħallas is-somma ta' €250 fix-xahar bħala manteniment għal minuri li jinkludi sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, liema digriet għadu *in vigore* sal-preżent.

Mill-provi mresqa u dan fid-dawl tal-impjiegi tal-partijiet, il-Qori tara li:

1. Skont ix-xhieda tar-rappreżentant tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali,[97] l-attriċi tipperċepixxi minn pensjoni tal-*visually impaired* u għanda introjtu ta' €102 fil-ġimgħa flimkien mad-differenza ta' għajnuna soċjali fl-ammont ta' €10 u għajnuna medika fl-ammont ta' €25.63 fil-ġimgħa. B'hekk hija għandha dħul ta' madwar €137.63 fil-ġimgħa għaliha personali, u dan ad esklużjoni tal-*allowance* tat-tfal – li jammonta għal dħul ta' €596.40 fix-xahar u €7,156.76 fis-sena, u

2. Skont l-aħħar *payslips* tas-sena 2016 mix-xogħol tiegħu mal-Vivaldi Hotel Operations Limited, eżebiti mill-konvenut, jirriżulta li huwa għandu dħul medju fix-xahar ta' €760;[98]

Għaldaqstant, tenut kont tal-ispejjeż inkorsi mill-attriċi għall-minuri, l-introjtu tal-konvenut u tal-attriċi, kif ukoll tal-obbligi finanzjarji li tnejn għandhom, il-Qorti tinsab tal-fehma illi l-manteniment pagabbli għandu jkun il-minimu li

[96] Fol. 704.
[97] Fol. 591.
[98] Din hija maħduma fuq medja tal-*payslips* ippreżentati għal perjodu ta' JAr u Ġunju 2016.

normalment il-Qorti tordna f'sitwazzjonijiet simili u ċjoe' ta' €200 f'manteniment u €75 fi spejjeż għall-edukazzjoni u saħħa tal-minuri.

Il-Qorti hija konsapevoli illi l-konvenut ittenta jikkonvinċi lill-Qorti li ma huwiex f'pożizzjoni li jħallas is-somma ta' €250 hekk ordnata lilu *pendente lite*. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tirribadixxi illi *"il-pretensjoni tal-attriċi hija ċara u ugwali għal bosta talbiet oħra li saru quddiem din il-Qorti minn ġenituri bħalha, u in breve parole l-attriċi qiegħda titlob li l-piż tat-trobbija ma tibqgħax iġġorru waħedha iżda jinqasam mal-konvenut billi jiġi kkundAt iħallas manteniment għal bintu bħala sehmu għat-trobbija tal-istess bintu ġialadarba l-minuri ma tirrisjedix miegħu. Dan jirrifletti l-pożizzjoni tal-liġi u l-insenjament tal-Qorti, fejn din tal-aħħar dejjem irribadiet illi "l-ġenituri kollha, ċjoe' mizzewġin, separati jew single-parents, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut".*[99] *".*[100]

Għaldaqstant fid-dawl tal-premess u ġialadarba l-minuri ser ikompli jabita mal-attriċi, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi t-total ta' €275 kull xahar. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal E B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

---

[99] Ara s-sentenzi fl-ismijiet: (i) **Anita Magro vs Kenneth Cassar**, (Rikors Numru 262/2014 AL), deċiza minn din il-Qorti nhar il-15 ta' April 2021, (ii) **Joseph Caruana vs Claudette Camilleri**, (Rikors Numru 23/2015 AL), deċiza nhar is-27 ta' Mejju 2021, (iii) **Mark Micallef pro et noe vs Ramona Caruana**, (Rikors Numru 140/2019 AL), deċiza nhar is-27 ta' Mejju 2021, (iv) **Mary Ann Buhagiar vs Stefan Farrugia**, (Rikors Numru 64/2017 AL), deċiza nhar l-14 ta' Ottubru 2021, (v) **Diane Pace vs Kenneth Pace**, (Rikors Numru 78/2019), deċiza nhar it-2 ta' Diċembru 2021.

[100] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs. Jason Joseph Mifsud**, deċiża nhar it-18 ta' JAr 2022, (Rikors Ġuramentat Numru 107/2015 AL), mhux appellata.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tixtieq ukoll tissottolineja illi għalkemm l-attriċi ġieli għamlet referenza għal arretrati ta' manteniment,[101] din il-Qorti ma tistgħax tieħu in konsiderazzjoni ta' dan fid-deċiżjoni finali tagħha abbażi s-segwenti raġunijiet. Huwa risaput illi għalkemm minħabba ċertu raġunijiet, talba ta' din in-natura ma tkunx tresqet b'mod formali fir-rikors promotur, huwa xorta waħda possibbli li tali talba tista' ssir iżda b'ċertu mod u manjiera. Madanakollu u sabiex il-Qorti tilqa' tali talba, jiġi mfakkar li *"l-Qorti trid timxi fuq il-provi u mhux fuq semplici asserzjonijiet anke jekk maghmula f'noti ta' sottomissjonijiet. Provi huma jew id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, jew id-deposizzjonijiet taghhom maghmula quddiem il-Qorti jew quddiem Assistent Gudizzjarju jew perit gudizzjarju, jew dak li huma jghidu f'affidavit (salv dejjem il-kwistjoni tal-kredibbilita`)".*[102] Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara li fil-każ odjern l-attriċi qatt ma resqet prova tal-pretensjoni tagħha, iżda kien hemm biss sempliċi asserzjonijiet. Magħdud ma' dan, il-Qorti tinnota li wara s-sena 2016, fejn saret l-aħħar referenza għall-arretrati ta' manteniment, kien hemm silenzju totali fuq il-manteniment u l-*quantum* ta' arretrati li talvolta akkumulaw. Għalhekk, il-Qorti ma tarax kif għandha tieħu in konsiderazzjoni tali asserzjonijiet tal-attriċi fuq l-arretrati ta' manteniment, liema asserzjonijiet ma jikkostitwixxux prova.

c. *Ordnijiet Ulterjuri ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:*

Il-Qorti tibda sabiex *in primis* tirribadixxi illi Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti lill-Qorti diskrezzjoni wiesgħa sabiex tiddeċedi dak li fiċ-ċirkostanzi jidrilha xieraq fl-interess suprem tal-minuri. Il-ġurisprdenza nostrana hija ċara f'dan ir-rigward, u ċjoe' fejn *si tratta* l-interess suprem tal-minuri l-Qorti ma għandhiex tkun imxekkla bir-regoli stretti u rigorużi proċedurali, tant illi l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun opportun illi tagħti s-segwenti provvedimenti u dana fl-aħjar interessi tal-minuri:

---

[101] Ara: (i) Risposta ġenerali tal-attriċi datata 14 ta' Diċembru 2015 għar-rikors tal-konvenut tat-30 ta' Novembru 2015 fejn tagħmel referenza għal arretrati ta' €19,000, a fol. 464; (ii) Rikors ġenerali tal-attriċi tat-22 ta' Ġunju 2016 fejn irrelevant illi l-konvenut għad fadallu pendenti l-manteniment għal perjodu minn JAr sa Ġunju 2016, a fol. 491; u (iii) Rikors ġenerali tal-attriċi tal-10 ta' Novembru 2016 fejn talbet lill-Qorti tawtorizzaha tressaq talba addizzjonali fir-rigward ta' arretrati ta' manteniment, a fol. 596.
[102] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar 2007 (Appell Numru 176/2000/1).

i. In vista tal-fatt li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivamet fl-attriċi, b'dana illi ser ikollha l-fakolta' li tieħu kull deċiżjoni waħediha mingħajr ebda kunsens da parti l-konvenut, u tenut kont tal-fatt taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ il-Qorti tara idoneju li l-konvenut għandu jitneżża mis-setgħa tal-ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili;

ii. Il-manteniment għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut u jiġi depożitat direttament lill-attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess; u,

iii. Il-manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

*d. <u>L-iSpejjeż tal-Kawża:</u>*

Finalment, il-Qorti tissottolineja li fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż dawn għandhom jiġu sapportati interament mill-konvenut u dan in vista tal-fatt illi: (i) l-konvenut kien konsapevoli bit-tqala u t-twelid tat-tifel, iżda qatt ma pprovda xi tip ta' sapport lill-attriċi iżda frankament ħalliha tfendi għal rasha; (ii) minkejja li l-konvenut jgħid li l-attriċi ngAtu, il-Qorti tissottolineja illi tali asserzjoni qatt ma ġiet minimament ippruvata, u fi kwalunkwe każ jibqa' stat ta' fatt li f'kawża ta' din in-natura tali asserzjoni ftit li xejn għandha relevanza ġialadarba hawnhekk si tratta l-interessi supremi tal-minuri, (iii) l-attriċi kellha saħansitra tibda azzjoni kemm sabiex il-konvenut jirrikonoxxi lill-ibnu, u kif ukoll sabiex jipprovdi finanzjarjament għalih, u (iv) minkejja l-fatt li fir-risposta ġuramentata l-konvenut irrileva li huwa pprova jasal fi ftehim mal-attriċi dwar il-ħlas ta' manteniment, il-Qorti tara li l-anqas tali allegazzjoni ma ġiet ippruvata – anzi mid-digriet tal-għeluq tal-medjazzjoni datat 5 ta' Diċembru 2012 jirriżulta ċar id-disinteress u n-nuqqas ta' impenn da parti l-konvenut sabiex jasal fi ftehim bonarju mal-attriċi hekk kif il-Qorti ddikjarat li qed *"tagħlaq il-proċess ta' medjazzjoni minħabba li C D ma attendiex għas-seduti tal-medjazzjoni"*.[103]

**DEĊIDE:**

[103] Fol. 12.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, u konsegwentament taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi t-total ta' €275 kull xahar. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal E B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu; filwaqt li tastjeni milli tiddeċiedi dwar dik il-parti tat-talba li tirrigwarda l-manteneniment *pendente lite* għall-minuri stante li din ma għadx fadlilha relevanza f'dan l-istadju;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi u dan anke billi l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha; tordna ukoll illi d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, kemm dawk ordinarji kif ukoll straordinarji, li jinkludu *inter alia*, id-deċiżjonijiet kollha rigward l-edukazzjoni, saħħa, safar, attivitajiet extra-kurrikulari, u applikazzjoni, tiġdid u żamma tal-passaport, dawn għandhom jittiehdu esklussivament mill-attriċi mingħajr il-bżonn li l-konvenut jagħti l-kunsens tiegħu;

3. Ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tordna illi:

   i. In vista tal-fatt li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivamet fl-attriċi, b'dana illi ser ikollha l-fakolta' li tieħu kull

deċiżjoni waħediha mingħajr ebda kunsens da parti l-konvenut, u tenut kont tal-fatt taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ il-Qorti tara li jkun idoneju li l-konvenut jitneżża mis-setgħa tal-ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili.

ii. Il-manteniment għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut u jiġi depożitat direttament lill-attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess;

iii. Il-manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Bl-ispejjeż kollha jiġu sapportati mill-konvenut.